MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 224/2005

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

**Patrick u Mariella miżżewġin BORG**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta’ Marzu, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, il-Bank attur talab li jiġi dikjarat li seħħet waħda jew aktar ġrajjiet maħsuba f’kuntratt magħmul fl-20 ta’ Diċembru, 2001, li biha jew bihom l-imħarrkin baqgħu inadempjenti fl-obbligi li ntrabtu bihom lejn il-Bank attur fl-imsemmi kuntratt; u talab ukoll li l-istess imħarrkin jiġu kundannati jħallsuh il-bilanċ li għadu dovut taħt il-faċilita’ bankarja mogħtija lilhom bis-saħħa ta’ dak il-kuntratt;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka Mariella Borg fit-2 ta’ Ġunju, 2005, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ma

tqisx li seħħew iċ-ċirkostanzi maħsuba fil-kuntratt li jintitolaw lill-Bank attur li jitlob il-ħlas; billi tqis li hu l-imħarrek l-ieħor li għandu jinżamm responsabbli għall-ħlas mitlub u mhux hi; billi l-flus intużaw għax-xiri ta' affarijiet li jinsabu f'idejh; billi qalet li trid tivverifika l-ammont dovut billi saru xi ħlasijiet; billi, ladarba bejnha u l-imħarrek l-ieħor żewġha, għaddejjin proċeduri ta' firda personali, jmissu jsir il-qsim tal-kreditu pretiż mill-Bank attur; u billi hija tirriżerva li titlob it-tneħħija tal-ipoteka li qegħda tgħabbi l-ġid immobbli li qiegħed jiggarantixxi d-dejn, ladarba dak il-ġid hu ġid parafernali tagħha;

Rat li l-imħarrek Patrick Borg, notifikat kif imiss bl-atti tal-kawża u bl-Avviż tas-Smigħ, naqas li jressaq Nota tal-eċċezzjonijiet fiż-żmien lilu mogħti mil-Liġi u kif ukoll li jidher kull meta ssejħet il-kawża, u għalhekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet il-kawża għas-Sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut bis-saħħa l-għoti ta' faċilita' bankarja maħruġ lil u fuq talba tal-imħarrkin flimkien. Il-Bank attur jgħid li seħħew kundizzjonijiet li minħabba fihom huwa jista' jitlob il-ħlas ta' kulma fadal x'jitħallas mingħand l-imħarrkin;

Illi l-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża juru li bis-saħħa ta' kuntratt tal-20 ta' Diċembru, 2001, l-Bank attur silef lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000). Il-faċilita' ngħatat biex isir bdil strutturali u benefikati fil-post li fih kienu jgħixu l-imħarrkin. L-imħarrkin iżżewġu f'Ġunju tal-1995, iżda rriżulta mix-

xhieda tal-imħarrka li l-flus mislufa ntużaw biex inxtara sistema' ta' kompjuter u biex tħallas depożitu fix-xiri ta' vettura tal-għamla Toyota Land Cruiser;

Illi għal dawn l-aħħar tliet (3) snin, l-imħarrkin Borg għandhom proċeduri fil-Qorti għall-firda personali. Il-ħlasijiet tal-bilanċ dovut lill-Bank attur dwar l-istess faċilita' twaqqfu. L-imħarrka m'għandhiex impieg bi ħlas. Negozju li kien inbeda bejnha u żewġha wara ż-żwieġ qiegħed jitmexxa minn żewġha waħdu. F'Ottubru tal-2004, il-Bank attur bagħat jitlob lill-imħarrkin biex iħallsu, u dan għamlu b'ittra uffiċjali li ġiet notifikata lilhom bil-mezz tal-affissjoni f'Novembru tal-istess sena. Fit-3 ta' Marzu, 2005, infetħet il-kawża;

Illi l-Qorti ssib li, għal dak li jirrigwarda l-bilanċ mitlub mill-Bank attur, il-provi mressqa juru li dak il-bilanċ huwa minnu. Il-kwestjoni waħdanija mqanqla mill-imħarrka tirreferi għall-komputazzjoni tal-imgħax pretiż, ladarba l-faċilita' kienet tikkonsisti f'self u mhux fis-sura ta' "*overdraft*". Mix-xhieda in kontro-eżami mogħtija mir-rappreżentant tal-Bank jirriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imgħax komputat mill-Bank huwa mgħax sempliċi u mhux imgħax kompost;

Illi għal dak li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi li dwarhom il-Bank attur qiegħed jgħid li jista' jitlob minnufih mingħand l-imħarrkin il-ħlas tal-bilanċ dovut, wieħed josserva li l-kuntratt ta' self jaħseb għal għadd ta' ċirkostanzi li, jekk imqar isseħħ waħda minnhom, jwasslu għall-jedd li l-Bank jitlob mingħand id-debituri tiegħu l-ħlas dovut minnufih. L-imħarrkin intrabtu b'din il-klawsola. Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li seħħet l-ewwel ċirkostanza (għax il-ħlasijiet ma baqgħux isiru kif u meta kien imisshom); seħħet it-tieni ċirkostanza (għax bin-nuqqas ta' ħlas f'waqtu, l-imħarrkin kisru r-rabtiet kuntrattwali tagħhom) u seħħet ukoll l-erbatax-il ċirkostanza (billi ntlaqtet b'mod sostanzjali l-ħila tal-imħarrkin li jwettqu r-rabtiet kuntrattwali tagħhom, u dan fid-dawl tal-problemi matrimonjali tagħhom u l-proċeduri ġudizzjarji għall-firda personali li tnisslu minħabba f'hekk);

Illi jifdal li jitqiesu l-aspetti ġuridiċi tal-eċċezzjonijiet tal-imħarrka Mariella Borġ. Ma hemm l-ebda dubju li l-qagħda personali bejn l-imħarrkin għenet mhux ftit biex ġabithom fejn qegħdin illum. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li s-sitwazzjoni mwegħra ta' konflitt personali hija waħda rejali u mhux maħluqa bħala skuża biex jinħarbu l-effetti tal-kuntratt. Iżda huwa fatt li, meta tnisslu l-obbligazzjonijiet tal-istess imħarrkin lejn il-Bank attur, dawn kienu għadhom jgħixu flimkien u ma kienx għadu beda jberraq bejniethom;

Illi, b'żieda ma' dan, l-oġġetti miksuba bil-flus mogħtija b'self mill-Bank, inkisbu għall-benefiċċju taż-żewġ imħarrkin, tant li l-karozza nkisbet fuq isem l-imħarrka, u s-sistema' tal-kompjuter inxtrat għall-vantaġġ tan-negozju li l-imħarrkin kellhom bejniethom. Dan jibqa' jgħodd minkejja li llum dawk l-oġġetti nżammu mill-imħarrek, u l-imħarrka hija mċaħħda minnhom;

Illi, mill-aspett purament legali, l-imħarrkin daħlu għall-kuntratt flimkien u huma ntrabtu għall-obbligazzjonijiet tal-kuntratt b'mod solidali. Huma t-tnejn ko-debituri u ħadd minnhom ma daħal bħala garanti tal-ieħor. Għalhekk, iċ-ċirkostanzi personali ta' bejniethom ma jistgħux jibdlu din il-qagħda legali jew jorbtu b'xi mod ieħor lill-Bank attur. Id-dejn dovut jibqa' wieħed u mhux maqsum, u r-responsabbilta' tal-imħarrkin dwar l-istess dejn tibqa' waħda solidali;

Illi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti u filwaqt li għandha l-akbar mogħdrija għall-qagħda spjaċevoli tal-imħarrkin, l-eċċezzjonijiet imqanqlin mill-imħarrka Mariella Borġ ma jistgħux jintlaqgħu la biex jeħilsuha mir-responsabbilta' għall-ħlas u lanqas biex iġegħlu lill-Bank attur jibdel il-qagħda legali tiegħu dwar l-imħarrkin;

Illi, mill-bqija, l-eżistenza tad-dejn ma ġietx serjament attakkata jew miġjuba fix-xejn bi provi li l-Qorti tista' toqgħod fuqhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li seħħet waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi maħsuba fil-kuntratt ta' self li bihom il-Bank attur jista' jitlob mingħand l-imħarrkin il-ħlas minnufih tal-bilanċ dovut skond l-istess self;

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin Patrick u Mariella miżżewġin Borg biex, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' tnax-il elf, ħames mija u sittax-il lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm12,516.45), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq din is-somma b'effett mit-8 ta' Jannar, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------